**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni Nru. 665/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anzjan Trevor Micallef)**

**vs**

**Bryan Seguna**

**Illum, 21 ta' Novembru, 2018**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

> "**Bryan Seguna**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 406188(M)."

Akkuzat talli:

“F’dawn il-Gzejjer, nhar it-22 ta’ Settembru 2018 ghal habta tat-tlieta u nofs ta’ wara nofs in-nhar (03:30p.m.) minn gewwa Fisherman’s Nest, Triq Birzebbugia, Birzebbugia u/jew mill-vicinanzi:

Ikkommetejt serq ta’ flus ghad-dannu ta’ Giovanna Antida Muscat, Michael Sheridan u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra liema serq huwa aggravat bil-‘mezz’ (Art. 261(b)263(a) 264(1) Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Akkuzat aktar talli fl-istess data u fil-granet ta’ qabel kellek fil-pussess tieghek id-droga herojina specifikat fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kontx fil-pussess ta’ awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kontx bil-licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kontx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollok id-droga msemmija fil-pussess tieghek u nqast li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilek ghall-uzu tieghek skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontrol intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tral-Ligijiet ta’ Malta.”

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija ttieghu;

Tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat Bryan Seguna rega’ afferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien ragonevoli jirrikonsidra il-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess fejn tali ammissjoni u affermazzjoni giet debitament registrata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-19 ta’ Ottubru 2018 skond l-Artiklu 370(4) sabiex l-imputat ikun ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra n-nuqqas ta’ oggezzjoni tieghu sabiex il-kaz tieghu jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja u dan skond il-verbal tal-lum stess.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(b), 263(a), 264(l) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat ir-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li rat l-Artiklu 4 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat u n-natura u gravita' tal-akkuzi migjuba kontra tieghu tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien sena mil-lum ai termini  tal-Artiklu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundanna lill-imputat penali ta' hamsa u sebghin Ewro (€75).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur